MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-25 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 2177/2000/1

**Emmanuel u Luigia konjuġi Spagnol**

**-vs-**

**1) Antonio, Carmelo; u b'digriet tat-8 ta' Marzu 2007 Michael Bonnici u Anthony Bonnici assumew l-atti minflok missierhom Carmelo Bonnici li miet fil-mori tal-kawża; Angelo, Giuseppi, u Salvina mart Antonio Mercieca, aħwa Bonnici;**

**2) Giuseppi, Antonio, Alexander, Raymond, Maria mart Emanuele Zammit, Concetta mart Antonio Brincat, Rita mart George Brincat, aħwa Mercieca;**

3) **Mary Schembri; u b'nota tat-30 ta' Mejju 2002 Anthony Schembri, Joseph Schembri, Emanuel Schembri, Lawrence Schembri, Grace mart Paul Cousin u Francis Schembri assumew l-atti tal-kawża minflok Mary Schembri li mietet fil-mori tal-kawża; u Giuseppa Psaila; u b'digriet tas-26 ta' Frar 2007 Josepħine armla minn David Formosa f'isimha proprju u bħala mandatarja ta' ħutha msiefra Horace Psaila u Catherine mart William Pellicano, Alfred, Saviour, Anthony, Carmen mart Joseph Magro u Consolata mart Alfred Schembri lkoll aħwa Psaila assumew l-atti minflok l-istess Giuseppa Psaila li mietet fil-mori tal-kawża;**

4) **Francis Degabriele, Rose Galea, Katy Camilleri, Vincenza Mifsud, Doris armla minn Grazio Degabriele, Marianne u Josephine aħwa Degabriele;**

5) **Dr Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja li b'digriet tal-24 ta' Jannar 2001 ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Mary Degabriele, il-wirt battal ta' Catherine Ellul, u l-wirt battal ta' Angela Mifsud.**

**Il-Qorti,**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata mill-atturi fid-29 ta' Settembru 2000 fejn ġie premess:

Illi l-partijiet huma l-proprjetarji flimkien f'ishma indiviżi tal-għalqa hekk imsejħa ta l-Irqajja tal-kejl ta' ċirka tlett elef sitt mija u tnejn u sittin metri kwadri skond kif tidher immarkata bl-aħdar fuq il-pjanta u *site-plan* annessa ma' att ippubblikat min-Nutar Dottor Joseph Tabone fl-erbgħa u għoxrin ta' Mejju 1989 fil-kuntrada tal-Mozz aċċessibbli minn sqaq li jagħti għal fuq il-Bajja ta' San Tumas

limiti taż-Żejtun li tmiss min-Nofsinhar ma' gid tal-familja Desira, mill-Punent ma' proprjeta' tal-Knisja taż-Żurrieq Legat Stefano u Pauline Muscat u Tramuntana ma' proprjeta' tal-Kurja Arċiveskovili u ta' Evelyn Calleja Urry jew irjieħ verjuri bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha.

Illi l-atturi ma jixtiequx jibqgħu in komproprjeta' flimkien mal-konvenuti; u

Illi l-proprjeta *de quo* hija komodament diviżibbli bejn l-atturi u l-kumplament tal-komproprjetarji, in vista tal-fatt illi s-sehem tal-atturi huwa ta' tmienja minn wieħed u għoxrin ($^{8}/_{21}$);

Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:

1. Taqsam u tiddividi l-għalqa fuq deskritta f'żewġ porzjonijiet, waħda rappreżentanti tmienja minn wieħed u għoxrin ($^{8}/_{21}$) mill-valur tal-għalqa, u l-oħra rappreżentanti r-rimanenti tlettax minn wieħed u għoxrin ($^{13}/_{21}$);

2. Tassenja l-porzjon art hekk diviża rappreżentanti tmienja minn wieħed u għoxrin ($^{8}/_{21}$) mill-valur tal-għalqa lill-atturi u l-porzjon art hekk diviża rappreżentanti r-rimanenti tlettax minn wieħed u għoxrin ($^{13}/_{21}$) lill-konvenuti flimkien;

3. Tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att tad-diviżjoni fil-ġurnata ħin u lok li jogħġobha tistabbilixxi din l-Onorabbli Qorti, u tinnomina kuraturi sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi;

4. Alternattivament għat-tliet talbiet preċedenti, f'każ illi din l-Onorabbli Qorti tikkonkludi li l-għalqa fuq deskritta ma tistax tiġi diviża bla xkiel u bla ħsara, tordna l-bejgħ in liċitazzjoni tal-istess u tiffissa ġurnata, ħin u lok għal tali bejgħ taħt l-awtorita' tal-Qorti, billi tagħti dawk id-direttivi u provvedimenti li jidhrulha opportuni.

Rat li l-kuraturi deputati l-Avukat Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja (nominati  sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Mary Degabriele, il-wirt battal ta' Catherine Ellul, u l-wirt battal ta' Angela Mifsud) preżentaw żewġ noti tal-eċċezzjonijiet, waħda datata 7 ta' Marzu 2001 u l-oħra tas-7 t'Ottubru 2002 fejn eċċepew:

1. Illi huma għadhom mhux edotti mill-fatti tal-każ u għalhekk jirriservaw illi jirrispondu f'aktar dettall u preċiżjoni fi stadju ulterjuri.

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ippreżentata fit-8 ta' Marzu 2001 minn Francis Degabriele, Rose Galea, Katy Camilleri, Doris armla minn Grazio Degabriele, Marianne u Josephine aħwa Degabriele fejn ġie eċċepit:

1. Illi l-ġudizzju mhux integru peress illi jonqos diversi konvenuti oħra fosthom Saviour Galea li hu l-eredi ta' Alfrida Degabriele, u Anna Galea illi hija eredi ta' Vincenzina Pullicino illi wkoll fi kwalunkwe każ qed jaderixxu ma' l-eċċezzjonijiet illi qed jiġu ppreżentati.

2. Illi l-għalqa in kwistjoni ma tistax tiġi diviża kif qed jitolbu l-atturi fl-ewwel u fit-tieni talba, u it-tielet talba u konsegwentement *stante* illi l-Qorti ma tistax tordna diviżjoni parzjali, din il-Qorti jkollha tgħaddi għall-bejgħ in liċitazzjoni.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ippreżentata fit-30 ta' Marzu 2001 minn Anglu Bonnici, Joseph Bonnici, Salvina Bonnici, u Carmelo Bonnici; Joseph, Mary Zammit, Concetta *sive* Connie Brincat, Alex, Rita Brincat u Raymond ilkoll aħwa Mercieca fejn eċċepew:

1. Illi preliminarjament il-konvenut indikat bħala Antonio Bonnici kien miet f'Marzu tal-1999, u għandha ssir l-leġittimazzjoni tal-atti biex jiġu regolariżżati l-proċeduri.

2. Illi preliminarjament ukoll, il-konvenuti ndikati fiċ-ċitazzjoni , sabiex kull ħaġa tkun regolari, għandhom jiġu notifikati skond il-liġi u mhux f'dar ħaddieħor.

3. Illi peress li kif qed jippremettu l-atturi l-proprjeta' kollha ġejja minn wirt, jrid jiġi aċċertat li saret id-denunzja relativa għal kull wirt milqut u li tħallset d-denunzja relattiva fuqu, skond l-artikolu numru 63 tal-Kap 364.

4. Illi l-ġudizzju mhux integru peress li fil-kawża ma humiex parti l-proprjetarji kollha skond il-liġi.

5. Illi l-atturi jridu jippruvaw t-titolu tagħhom fuq il-proprjeta' kollha li qed jitolbu qsim tagħha barra li jindikaw liema huma l-assi kollha formanti l-wirt li qed jintolbu li jinqasam.

6. Illi l-konvenuti dejjem kienu lesti li jersqu għal diviżjoni ġusta bejn l-eredi kollha imma kienu l-atturi li bi pretensjonijiet esaġerati dwar l-ishma tagħhom li tellfu kull ftehim li seta' jsir.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ta' Giuseppa Psaila ppreżentata fis-26 ta' Ġunju 2002 fejn ġie eċċepit:

Illi l-ewwel tlett talbiet attriċi huma insostenibbli għaliex il-beni posseduti in komun iridu jkunu jistgħu jinqasmu bla xkiel bejn il-komproprjetarji kollha u kwindi l-atturi ma jistgħux jitolbu li s-sehem tal-konvenuti jingħatalhom b'mod indiviż bejniethom.

Illi fil-fatt tenut kont tan-numru ta' kompropjetarji u tal-ishma nvoluti, l-eċċipjenti tissottometti li l-għalqa mhijiex komodament diviżibbli.

Illi l-eċċipjenti ma topponix ruħha għar-raba' talba attriċi *purche'* l-kwoti ta' kull komproprjetarju jiġu verifikati.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ta' Joseph Mifsud ippreżentata fis-7 ta' Marzu 2007 fejn ġie eċċepit *(għalkemm ma jirriżultax mill-atti li dan huwa konvenut)*:

1. Illi parti sostanzjali mill-proprjeta' in kwistjoni hija fil-fatt proprjeta' tal-eredi ta' Angela Mifsud biss, *stante* li kienet proprjeta' assoluta ta' Angela Mifsud, u m'hijiex in komuni mal-partijiet l-oħra f'din il-kawża kif jidher li qegħdin jippretendu l-atturi;

2. Illi l-atturi jridu jippruvaw it-titolu tagħhom fuq il-proprjeta' kollha li qegħdin jitolbu l-qsim tagħha;

3. Illi l-parti mill-proprjeta' in kwistjoni, li hija komuni għall-partijiet kollha f'din il-kawża u oħrajn, la hija komodament diviżibbli, u lanqas tista' tiġi diviża kif qegħdin jitolbu l-atturi fit-talbiet tagħhom *stante* li din l-Onorabbli Qorti ma tistax tordna diviżjoni parzjali ta' din il-proprjeta';

4. Illi l-ġudizzju mhuwiex integru peress illi fil-kawża m'humiex involuti l-proprjetarji kollha skond il-liġi;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-liġi;

Rat il-verbali;

Rat id-digriet tas-6 ta' Frar 2008 li permezz tiegħu ġie nominat l-Avukat Dottor Vincent Galea bħala perit legali;

Rat in-nota ppreżentata fit-12 ta' Marzu 2014, li permezz tagħha l-attur ċeda l-mertu tal-kawża għalkemm żamm ferm fuq il-kap tal-ispejjeż;

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Jannar 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza fuq il-kap tal-ispejjeż wara li dan il-punt ġie trattat mill-Avukati rispettivi;

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher il-kwistjoni rimamenti li tiġi deċiża hija min għandu jħallas l-ispejjeż tal-kawża.

Illi normalment f'kawża ta' diviżjoni bħalma hija din, l-ispejjeż jinqasmu skond l-ishma rispettivi; madankollu l-Qorti ma tistax ma tiddeplorax l-atteġġjament tal-attur li wara illi istitwixxa l-kawża ma tax kont tal-ordnijiet li tat il-Qorti biex tassigura l-ħlasijiet tal-perit legali fost affarijiet oħra, u għal dawn l-aħħar seduti lanqas biss indenja ruħu jattendi.

Illi għalhekk ma għandha ebda dubju li kull sens ta' ġustizzja jwassal għall-konklużjoni illi l-konvenuti ma għandhomx ibatu spejjeż li daħħalhom fihom l-attur.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża, tikkundanna lill-atturi jħallsu l-ispejjeż kollha tal-istess.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------